MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-2 ta' Ottubru, 2003

Citazzjoni Numru. 1266/1993/2

**Alfred Grech.**

**vs**

**Frangeska armla Borg f'isimha proprju u bhala prokuratrici ta' l-assenti Georgia Mercieca u b'digriet tal-14 ta' Lulju, 1999 Maria Dolores Stellini giet nominata kuratur deputat biex tirrapprezenta lill-imsiefra Georgia Mercieca u b'digriet tat-22 ta' Mejju 2002 giet kjamata fil-kawza Maria Dolores Stellini.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI

Rat ic-citazzjoniipprezentata fit-18 ta' Ottubru, 1993 fejn l-attur ippremetta:

Illi fil-15 ta' Dicembru, 1974 miet Giovanni Fenech u fit-23 ta' Dicembru 1955 mietet martu Giuseppa xebba Spiteri u

hallew bhala werrieta lit-tlett uliedhom, Rosina mart Paolo Grech, Georgia mart George Mercieca u Frangeska mart Grezzju Borg.

Illi mill-gurnata tal-mewt mietet Rosina Grech u wiritha l-attur;

Illi d-*decujus* hallew testment *unica charta* tal-21 ta' Gunju, 1946 fl-atti tan-Nutar Oscar Azzopardi u sussegwentement testmenti ohra ta' Giovanni Fenech tat-3 ta' Settembru 1968, tat-13 ta' Settembru, 1968 u iehor tat-9 ta' Ottubru, 1972 kollha fl-atti tan-Nutar Joseph Agius;

Illi *ai termini* tal-imsemmija l-partijiet huma llum il-werrieta tal-assi kollha tal-imsemmija:

Illi l-istess attur talab lil din il-Qorti sabiex:-

1. Tillikwida l-kommunjoni tal-akkwisti tal-konjugi Giovanni u Giuseppa Fenech;

2. Taqsam l-assi ereditarji tal-konjugi Fenech hekk likwidat f'tlett ishma ndaqs li minnhom jigu assenjati sehem lill-attur Alfred Grech, sehem lil Frangeska armla Borg u sehem lil Georgia Mercieca, f'terz kull wiehed;

3. Jekk il-qsim tal-beni komprizi fl-assijiet ereditarji tal-konjugi Fenech ma jistax isir tordna li jsir il-bejgh in licitazione tal-beni, jew ta' dawk li ma jistghux jinqasmu b'dan illi jkunu jistghu jghamlu offerti anke` oblaturi estranji;

4. Tahtar Perit Arkitett biex jaghmel l-istimi u pjanijiet ta' qasma, Nutar biex jircievi u jippubblika l-Att opportun u Kuraturi biex jirrapprezentaw l-eventwali kontumaci.

Il-konvenuti huma mharrkin biex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur, il-lista tax-xhieda u l-elenku tad-dokumenti a fol 6 u 7 rispettivament tal-process.

Rat illi l-konvenuti gew debitament notifikati;

Rat l-eccezzjonijiet tal-konvenuti pprezentata fl-20 ta' Lulju, 1994 a fol. 28 tal-process fejn Frangeska armla Borg f'isimha proprju u bhala prokuratrici tal-assenti Georgia Mercieca eccepiet:-

1. Illi l-pretensjonijiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez *stante* li l-assi ereditarju tal-konjugi Fenech diga` gew maqsuma bejn il-werrieta u dan sehh zmien ilu precizament wara l-mewt ta' Giovanni Fenech.

2. Illi *in oltre* fl-ahhar testment maghmul minn Giovanni Fenech datat 9 ta' Ottubru 1972 ppubblikat minn Nutar Dottor Joseph Agius d-dritt tal-esponenti tul hajjitha kollha tal-uzufrutt u t-tgawdija tad-dar f'Hal Qormi, Triq San Bartolomeo b'zewg bibien it-tnejn bin-numru sitta u sebghin gie konfermat;

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenuti a fol. 28 u 29 rispettivament tal-process;

Rat il-verbali tas-7 t'Ottubru 1994, tad-9 ta' Dicembru 1994, 29 ta' Marzu 1995, tal-25 t'April 1995 u tat-2 ta' Gunju 1995 fejn il-kawza giet differita *sine die*.

Rat ir-rikors tal-attur tal-21 ta' Lulju 1995 u d-digriet tal-Qorti tas-17 t'Awissu 1995.

Rat in-nota ta' l-attur a fol. 36A tal-process fejn huwa ddikjara illi l-unika proprjeta` li hemm huwa l-post 111, St. Bartolomeo [*adde: Street*], Hal Qormi li qabel kien gie indikat bhala 76.

Rat id-digriet tal-Qorti tat-30 ta' Jannar 1996 fejn il-kawza giet appuntata ghas-smiegh ghall-25 ta' Marzu 1996.

Rat il-verbali tal-25 ta' Marzu 1996, tat-3 ta' Gunju 1996, tat-30 ta' Ottubru 1996, tat-12 ta' Marzu 1996 fejn Dr.

Jeanne Pia Mifsud Bonnici ghall-attur iddikjarat illi l-unika assi in divizzjoni huwa l-fond 110 u 111 St. Bartholomeo Street Qormi, u ddikjarat ukoll illi l-konvenuta Borg ma ghandhiex id-dritt ivvantat minnha ta' uzufrutt fuq dan il-fond il-ghaliex il-konjugi Fenech kienu ghamlu testment *"unica charta"* u d-*decujuz* ma setax ihallilha b'testment sussegwenti dan l-uzufrutt il-ghaliex fit-testment *"unica charta"* ma tawx il-fakulta lil xulxin li jistghu jvarjaw id-dispozizzjonijiet taghhom f'testment iehor.

Rat in-nota tal-attur tat-12 ta' Marzu 1997 fejn ipprezenta l-affidavit tieghu (fol 49 u 50).

Rat il-verbali tal-25 ta' Gunju 1997, tal-10 ta' Dicembru 1997 fejn il-Qorti rrilevat illi c-certifikat tar-ricerki esebit a fol 8 tal-process huwa relattiv ghal Nikola Callus u mhux ghall-mejtin konjugi Fenech. Dr Mifsud Bonnici ddikjarat illi l-assi kollha in divizzjoni jikkonsisti fil-fond 111, Triq San Bartilmew, Hal Qormi li qabel kien gie ndikat bhala 76, liema fond huwa suggett ghac-cens perpetwu ta' madwar zewg liri (Lm2). Dr Mifsud Bonnici rrizervat li tipproduci r-ricerki dwar il-konjugi Fenech.

Rat in-nota tal-attur tal-11 ta' Marzu 1998 a fol 54 sa 60 tal-process u d-dokumenti hemm esebiti.

Rat il-verbali tat-18 ta' Marzu 1998 fejn il-Qorti rrilevat illi skond it-testment tad-9 ta' Ottubru 1972, fl-atti tan-Nutar Dr Joseph Aguis, l-uzufrutt tad-dar ta' Hal Qormi gie mholli lill-konvenuta Frangeska Borg u ghalhekk trid issir il-korrezzjoni fic-cittazzjoni; tas-17 ta' Gunju 1998 fejn Dr Mifsud Bonnici ddikjarat li bihsieba tintavola rikors ghall-korrezzjoni tac-citazzjoni fis-sens indikat fil-verbal tas-seduta precedenti; u tat- 2 ta' Dicembru 1998 fejn Dr Mifsud Bonnici ddikjarat illi mhix ser tipprezenta r-rikors ghall-korrezzjoni tac-citazzjoni billi ma jidhrilhiex illi huwa l-kaz.

Rat in-nota tal-konvenuta Frangeska Borg tat-8 ta' April 1999 fejn esebiet l-affidavit taghha (fol 67 sa 69).

Rat il-verbali tas-16 t'April 1999 fejn Dr  Cuschieri ghall-konvenuti ddikjara illi l-konvenuta Frangeska Borg mhix il-prokuratrici tal-konvenuta assenti Georgia Mercieca u proprjament qatt ma kienet.  Dan johrog car mill-affidavit tal-istess konvenuta a fol. 96 tal-process; u tal-14 ta' Gunju 1999.

Rat id-digriet tal-Qorti tal-14 ta' Lulju 1999 fejn Maria Dolores Stellini giet appuntata bhala Kuratur Deputat biex tiehu hsieb l-interessi tal-assenti Georgina mart Gorg Mercieca fl-atti tal-kawza (fol 75 sa 86).

Rat il-verbali tal-24 ta' Novembru 1999; tal-5 ta' Mejju 2000;  tas-6 t'Ottubru 2000 fejn din il-kawza bdiet tigi mismugha minn din il-Qorti kif prezentament ippresjeduta; tal-15 ta' Novembru 2000; u tat-13 ta' Marzu 2001 fejn xehdet Frangeska Borg.

Rat in-nota tal-konvenuta tal-20 t'April 2001 fejn gew esebiti xi dokumenti (fol 95 sa 101).

Rat il-verbali tat-30 ta' Mejju 2001;  tas-26 ta' Gunju 2001 fejn xehdet Maria Stellini u d-difensuri tal-partijiet iddikjaraw li m'ghandhomx provi aktar;  tat-8 ta' Novembr 2001 fejn il-Qorti prefiggiet terminu ta' ghoxrin (20) jum kull wiehed lill-partijiet biex jipprezentaw in-nota ta' osservazzjonijiet taghhom u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-28 ta' Frar 2002.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuta Frangeska Borg tas-17 ta' Dicembru 2001 (fol 112 u 113).

Rat il-verbali tat-28 ta' Frar 2002, tal-14 ta' Marzu 2002 fejn il-Qorti dderigiet lill-partijiet biex jirregolaw ruhhom dwar it-trasferiment li sar ta' terz mill-fond li jifforma l-unika assi fl-eredita` ndikata.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-attur tal-11 ta' April 2002 (fol 117 u 118).

Rat il-verbali tas-17 t'April 2002, tat-22 ta' Mejju 2002 fejn il-Qorti *ex-ufficcio* ordnat il-kjamant in kawza ta' M'Dolores

Stellini. In vista' ta' dan il-Qorti irrevokat *'contrario imperio'* id-digriet taghha tal-intervenut fil-kawza. Il-kjamat in kawza prezenti tat ruhha b'notifikata bic-citazzjoni attrici u taderixxi ruhha mal-eccezzjonijiet gja' prezentati u tirrinunzja ghal kull terminu. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-31 ta' Ottubru 2002; tal-31 ta' Ottubru 2002 fejn il-Qorti ssospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza u l-kawza giet differita ghall-finali trattazzjoni ghall-10 ta' Dicembru 2002; tal-10 ta' Dicembru 2002 fejn il-kjamat in kawza ghal kull *buon fini* tat ruhha b'notifikata bl-atti kollha tal-kawza u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-2 t'Ottubru 2003.

Rat id-dokumenti kollha esebiti nkluza x-xhieda moghtija quddiem din il-Qorti;

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>PROVI</u>

Illi l-**attur** xehed permezz ta' affidavit (a fol. 50) fejn qal li ommu Rosina kienet wahda mill-werrieta tal-genituri taghha u cioe` ta' Giuseppa u Giovanni konjugi Fenech li mietu fit-23 ta' Dicembru, 1995 u fil-15 ta' Dicembru, 1974 rispettivament.

Illi l-attur huwa l-uniku werriet ta' ommu Rosina.

Illi jghid ukoll l-attur illi l-eredita` tan-nanniet tieghu u cioe` Giuseppa u Giovanni konjugi Fenech qatt ma giet diviza bejn l-eredi u cioe` ommu Rosina u l-konvenuti. Jghid ukoll illi d-deheb u l-flus li kien hemm fil-ktieb tal-bank kif ukoll il-flus li ngabru mill-bejgh tal-karozzin tal-mejjet Giovanni Fenech kienu nzammu minn Frangeska u qatt ma nqasmu ugwalment bejn il-werrieta. Oltre' dan il-konvenuta Frangeska Borg bniet sular iehor fuq l-unika proprjeta` immobbiljari ezistenti fl-eredita` u dan minghajr ma talbet il-permess tal-werrieta l-ohra.

Illi xehdet permezz tal-procedura ta' l-affidavit **il-konvenuta Frangeska Borg** (a fol. 68 et seq.) u tghid illi

'*ommi u missieri kienu jhallu l-kotba tal-bank f'idejha (ghand Rosina) u hi kienet tehdilhom hsieb flushom'*. Tghid ukoll illi *'ghandi idea li veru f'xi zmien il-genituri kellhom madwar seba' mitt lira (Lm700) fil-bank, izda jien ma naf xejn x'sar minnhom: jista' jkun li nefquhom huma, u jista' jkun li hadithom ohti Rosina'*.

Illi fil-kontro-ezami din ix-xhud tghid illi '*ommi ma kelliex deheb. Ommi taghtu lil ommu. Id-deheb taghtu lill-ommu meta zzewget ommu. Daqshekk id-deheb ma rajniehx aktar. Anqas curkett ma ghandi minn ta' ommi jiena'*. Dwar il-kwistjoni tal-flus indikati fl-affidavit taghha, din ix-xhud tghid illi '*il-flus intefqu sa ma mietet ommi anqas ghall-funeral ma kellu'*.

Illi xehdet bil-procedura ta' l-affidavit **Maria Stellini** (a fol. 96 tal-process), bint il-konvenuta Frangesca Borg. Hi tghid illi '*in-nannu Gianni Fenech miet f'Dicembru, 1974 u fi Frar ta' wara (1975) jiena izzewwigt u bqajt nghix mar-ragel tieghi fl-istess post li semmejt f'Hal Qormi'*. Tghid ukoll illi '*fiz-zmien li kont ser nizzewweg, jien u ommi ddecidejna li nibdlu l-maqjel li kien hemm fuq in-naha ta' wara (wara l-bitha) fi kcina u kamra tal-banju. Bil-kunsens t'ommi kont tellajt tlett ikmamar fuq il-bejt, igifieri fl-ewwel sular'*. Izzid tghid illi '*ghall-1988 certi partijiet minn dan il-fond saru perikoluzi u l-perit tana parir nibdlu hafna mill-istrutturi tieghu, nkluzi s-soqfa. Gialadarba l-kmamar kif kienu ma kienux kollha jaqdu l-funzjoni taghhom sew ghax kienu zghar, jien u zewgi offrejna lill-ommi, bhala l-uzufruttwarja tal-post, li mat-tibdil strutturali li kien hemm bzonn naghmlu xoghol iehor biex il-post jikber u jsir aktar abitabbli. Ommi qablet u jien u zewgi waqqajna l-parti l-kbira tal-post u ghamilna dan it-tibdil kollu a spejjez taghna, biex b'hekk il-fond sar dar b'fuq u isfel'*.

Illi tghid ukoll din ix-xhud illi wara konversazzjoni li z-zija taghha Georgina, li tghix l-Awstralja, kellha ma' l-attur, hija *'tant skandalizzat ruhha b'dak li qalilha li fir-rabja iddecidiet li sehemha taghtijuli. Jiena ghidtilha li ta' l-anqas ridt inhallasha ta' sehemha skond il-valur tal-post qabel ma sar ix-xoghol fih. Qbilna fuq dan u sehemha gie*

*stmat Lm600'*. Sussegwentement gie ffirmat il-kuntratt ta' trasferiment fis-17 ta' Ottubru, 1991.

Illi in kontro-ezami din ix-xhud tghid illi meta hija marret biex tkellem lill-attur, hija kienet staqsietu jekk riedx jbiegh sehmu fil-proprjeta`, l-attur ried il-parti ta' isfel tal-proprjeta` bhala sehmu. Dwar jekk qattx qalet lill-attur li kienet qed taghmel dawn l-ispejjez kollha, din ix-xhud twiegeb illi hija qatt ma qalet lill-attur li kienet qed taghmel dawn l-ispejjez kollha. Dwar ghamara din ix-xhud tghid illi din inharqet ghax kienet kollha susa. Tghid illi kien hemm vetrina, gwardarobba fil-kamra tal-awtur tal-kontendenti u zewg sodod tal-hadid.

## <u>III. DOKUMENTI.</u>

Illi gew esebiti diversi dokumenti fosthom :

i. Dok. 'AA 4' (a fol. 11 tal-process) li huwa testment tal-konjugi Giovanni u Giuseppa Fenech fl-atti tan-Nutar Oscar Azzopardi datat 21 ta' Gunju, 1946;

Illi f'dan l-imsemmi testment, u senjatament fit-tielet artikolu tieghu jinghad illi *'Salvi u fermi l-precedenti dispozizzjonijiet it-Testaturi mizzewgin Fenech jinnominaw u jistitwixxu unici werrieta universali proprjeta`rji taghhom lil uliedhom komuni: Rosina mart Paolo Grech, Giorgia mart Giorgio Mercieca u Francesca xebba t-tlieta daqsinsew'.*

ii. Dok. 'AA 6' (a fol. 14 ta' process) Testment ta' Giovanni Fenech fl-atti tan-Nutar Dr. Joseph Agius datat 3 ta' Settembru, 1968;

Illi f'dan it-testment jinghad *inter alia* illi *'t-testatur qed ihalli b'titolu ta' legat lill bintu Francesca armla ta' Grazio Borg l-usu u d-dgawdija (usufrutt) tad-dar Hal Qormi Triq San Bartolomeo numri sitta u sebghin doppju fejn joqghodu t-testatur u l-legatarja. Dan l-usufrutt ghandu jibda mill-mewt tat-testatur u jibqa' sal-mewt tal-istess legatarja'.*

Illi jinghad ukoll illi: *'t-testatur jiddikjara li jaf li l-imsemmija dar mhix kollha tieghu imma nofsa tieghu u nofsa tal-eredi ta' martu'.*

iii. Dok. 'AA 5' (a fol. 16 tal-process) testment ta' Giovanni Fenech fl-atti tan-Nutar Joseph Agius datat 13 ta' Settembru, 1968;

Illi hawn t-testatur Giovanni Fenech irrevoka it-testment tat-3 ta' Settembru, 1968.

iv. Dok. 'AA 7' (a fol. 17 tal-process) testment ta' Giovanni Fenech fl-atti tan-Nutar Dr. Joseph Agius datat 9 ta' Ottubru, 1972;

Illi f'dan it-testment jinghad *inter alia* illi '*It-testatur qed ihalli b'titolu ta' prelegat lil bintu Francesca armla ta' Grazio Borg l-uzufrutt tad-dar Hal Qormi, trieq San Bartolomeo b'zewg bibien it-tnejn bin-numru sitta u sebghin. Dan l-usufrutt ghandu jibda mill-mewt tat-testatur u jibqa' sal-mewt tal-istess legatarja'*.

Illi jinghad ukoll li *'t-testatur jiddikjara li hu jaf li l-imsemmija dar ma tappartjenix kollha lilu imma tappartjeni wkoll lill-eredi ta' martu'.*

v. Dok. "MS 4" (a fol. 101 tal-process) li hija permuta datata 17 ta' Ottubru, 1991 fl-atti tan-Nutar Dr. Antoine Agius.

Illi f'dan l-kuntratt il-konvenuta Georgina Mercieca assenjat u ittrasferixxiet b'titolu ta' tpartit lil Maria Stellini li bl-istess titolu ta' tpartit accettat u akkwistat terz inidiviz (1/3) tal-fond urban Hal Qormi, Saint Bartolomeo Street numru mija u hdax (111) qabel numru sitta u sebghin (76) soggett l-intier ghal zewg liri (Lm2) cens annwu u perpetwu minn pizijiet ohra liberu u frank u bid-drittijiet, gjus pertinenzi u attinenzi tieghu kollha bil-valur ta' sitt mitt lira (Lm600).

## **IV. APPREZZAMENT TAL-PROVI.**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li Giuseppa Fenech nee` Spiteri mietet fit-23 ta’ Dicembru 1955, mentri zewgha Giovanni Fenech miet fil-15 ta’ Dicembru 1974.

Illi l-istess konjugi Fenech ghamlu testment *unica charta* datat 21 ta’ Gunju 1946 quddiem in-Nutar Oscar Azzopardi (fol.11) ghat-tenur ta’ liema huma *inter alia* nnominaw u istitwew lill-uliedhom Rosina mart Paolo Grech, Giorgia mart Giorgio Mercieca u lill-konvenuta Francesca dak iz-zmien xebba bhala werrieta universali taghhom.

Illi Giovanni Fenech ghamel tliett (3) testmenti ohra wara l-mewt ta’ martu u cioe` wiehed datat 3 ta’ Settembru 1968 fl-atti tan-Nutar Joseph Agius, li pero` gie revokat b’testment iehor datat 13 ta’ Settembru 1968 fl-atti tal-istess Nutar Joseph Agius; fl-ahharnett ghamel testment datat 9 ta’ Ottubru 1972 fl-atti tan-Nutar Joseph Agius (Dok. “AA 7”- fol. 17) ghat-tenur ta’ liema halla bhala prelegat lill-konvenuta Frangeska armla ta’ Grazio Borg l-uzufrutt tad-dar ta’ Hal Qormi, Triq San Bartolomeo, b’zewg bibien, it-tnejn bin-numru 76, illum numru 111, kif jirrizulta min-nota tal-attur datata 21 ta’ Lulju 1995 a fol. 36A tal-process. Fl-istess testment saret dikjarazzjoni li l-istess testatur kien jaf li l-istess proprjeta` minnu msemmija u mhollija bhala legat kif premess ma kenitx kollha proprjeta` tieghu, izda in verita` kienet proprjeta` wkoll tal-istess uliedu bhala werrieta tas-sehem ta’ ommhom, skond it-testment *unica charta* fuq premess.

Illi jirrizulta wkoll li sehem Rosina Grech nee’ Fenech, wahda mill-werrieta ndikati ghadda ghand Alfred Grech bhala *a sua volta* l-eredi taghha.

Illi mix-xhieda prodotta jirrizulta illi l-konjugi Fenech hallew biss bhala assi formanti parti l-assi ereditarju taghhom il-fond li jgib in-numru 111 (gja 76) fi Triq San Bartolomeo, Hal Qormi u ma hallew l-ebda proprjeta` ohra. Saru diversi allegazzjonijiet mill-attur li l-istess testaturi hallew ukoll xi mobbli bhal ghamra u wkoll xi flus, pero` fl-opinjoni ta’ din il-Qorti ma ngabet ebda prova konkreta dwar l-

istess, u certament kull allegazzjoni li saret ma giet bl-ebda mod sostanzjata u certament ma waslitx ghal grad ta' prova rikjest mill-ligi f'kazi simili, u ladarba l-oneru tal-prova kien jispetta lill-attur *stante* li huwa vanta l-istess allegazzjoni, isegwi li in vista tal-premess huwa ma ssodisfax l-oneru ta' prova tieghu li kien jinkombi fuq dwar l-ezistenza tal-istess mobbli bhala parti mill-assi ereditarju tal-istess konjugi Fenech.

Illi dan qed jinghad apparti l-fatt li f'aktar minn okkazzjoni wahda d-difensuri tal-attur ivverbalizzaw li l-unika proprjeta` fl-assi ereditarju tal-istess testaturi Giovanni u Giuseppa konjugi Fenech kienet proprju din id-dar numru 111, St. Bartolomeo Street, Qormi, *di piu`* soggetta ghall-uzufrutt favur l-konvenuta Frangeska Borg, skond l-ahhar testment ta' Giovanni Fenech tad-9 ta' Ottubru 1972 a fol. 17 tal-process.

Illi ghal kronoka jinghad li fil-fatt dwar l-istess mobbli min-naha l-wahda l-attur jghid u jallega li kien hemm deheb u flus fi ktieb tal-bank kif ukoll il-flus li ngabru mill-bejgh tal-karozzin tal-mejjet Giovanni Fenech liema oggetti kienu nzammu minn Frangeska u qatt ma nqasmu ugwalment bejn il-werrieta.

Illi min-naha l-ohra Frangeska Borg tghid illi l-genituri taghha kienu jhallu l-kotba tal-bank f'idejn Rosina (omm l-attur) u li ghalkemm f'xi zmien huma kellhom l-ammont ta' madwar seba' mitt lira (Lm700) hija ma kienet taf xejn x'sar minnhom u tghid illi setghu intefqu jew mill-istess genituri taghha jew inkella minn ohta Rosina. Dwar id-deheb din ix-xhud tghid illi ommha ma kellhiex deheb u li dan id-deheb kien inghata lill-omm l-attur meta din izzewget.

Illi minn dan kollu ghalhekk jidher li l-provi prodotti huma ghal kollox kontrastanti ghal xulxin, u dan limitatament ghal dak li kienu xi zmien jipposedu t-testaturi genituri tal-kontendenti originali, izda minn imkien ma jirrizulta li hemm prova li xi effetti mobbli jew flus effettivament kienu jezistu wara l-mewt tal-ahhar mis-superstiti tal-istess konjugi Fenech, u fil-fatt l-unika prova li hemm hija biss

proprju dwar l-istess immobbli gja fuq indikata, li tifforma l-unika oggett ta' valur tal-istess eredita` mertu tal-kawza odjerna.

## V. KONSIDERAZZJONIJIET LEGALI

Illi l-azzjoni odjerna hija wahda sabiex tigi likwidata l-komunjoni ta' l-akkwisti tal-konjugi Fenech u wara ssir il-qasma ta' l-assi ereditarji fi tlett ishma ndaqs. Intalab ukoll illi f'kaz illi l-qsim ma jistax isir ghaliex il-proprjeta` ma tkunx komodament divizzibbli, tigi ordnata l-bejgh in licitazzjoni tal-beni li ma jistghux jigu divizi.

### A. L-EWWEL ECCEZZJONI.

Illi l-konvenuti jghidu fl-ewwel eccezzjoni taghhom li l-pretensjonijiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez *stante* li l-assi ereditarju tal-konjugi Fenech diga` gew maqsuma bejn il-werrieta u dan sehh zmien ilu precizament wara l-mewt ta' Giovanni Fenech.

Illi din il-Qorti thoss li din l-eccezzjoni hija bla ebda bazi kwalunkwe *stante* li ma jidhirx li kien hemm mobbli x'jinqassmu, tant li x-xhieda tal-konvenuta Frangeska Borg innifisha tghid li l-bicciet tal-ghamara li kien hemm ma kienux ta' valur tant li spiccaw ghall-hruq; dwar l-allegazzjoni tal-istess konvenuta li xi ghamara li kien hemm inhadet minn omm l-attur, l-ebda prova sabiex tissostanzja l-istess ma ingabet u ghalhekk din il-Qorti tirriafferma l-konkluzjoni taghha fuq raggunta li l-unika proprjeta` li kien hemm fl-istess komunjoni tal-akkwisti tat-testaturi li effettivament thalliet lill-eredi taghhom, kienet biss id-dar numru 111, St. Bartolomeo Street, Qormi, u xejn izjed.

Illi fuq l-istess dar ma jidher minn imkien li l-istess partijiet wasslu ghal xi pjan ta' divizzjoni jew b'xi mod ma baqghux komproprjeta`rji tal-istess *pro indiviso* u dan apparti l-fatt li l-istess konvenuta assenti Georgia Mercieca bieghet is-

sehem taghha ta' terz mill-istess immobbli lill-kjamata fil-kawza Dolores Stellini u dan skond kuntratt fl-atti tan-Nutar Antoine Agius datat 17 ta' Ottubru 1991 esebiet a fol. 101 tal-process.

Illi din l-eccezzjoni ghalhekk ma tistax tigi accettata ghar-rigward kemm l-uzufrutt u d-dgawdija tal-fond f'Hal Qormi, Triq San Bartolomeo b'zewg bibien t-tnejn bin-numru sitta u sebghin u l-komproprjeta` tal-istess *stante* li ma hemm l-ebda att pubbliku li jindika li l-istess proprjeta` immobbli giet b'xi mod maqsuma u ghalhekk din l-eccezzjoni hija manifestament infondata fil-fatt u fid-dritt.

**<u>B. IT-TIENI ECCEZZJONI.</u>**

Illi l-konvenuti fit-tieni eccezzjoni taghhom jghidu illi fl-ahhar testment maghmul minn Giovanni Fenech datat 9 ta' Ottubru 1972 ppubblikat minn Nutar Dottor Joseph Agius, id-dritt tal-esponenti tul hajjitha kollha tal-uzufrutt u t-tgawdija tad-dar f'Hal Qormi, Triq San Bartolomeo b'zewg bibien t-tnejn bin-numru sitta u sebghin gie konfermat;

Illi dan il-fatt qatt ma gie kkontestat mill-attur u lanqas hemm kwistjonijiet dwarha.

Illi l-uniku kwistjoni li ghad fadal hija jekk il-fatt illi l-uniku fond immobbiljari tal-eredita` huwa detenut taht titolu ta' uzufrutt jostax ghall-qasma ta' l-assi ereditarji.

Illi l-**artikolu 383 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta** jghid illi :-

*'Il-bejgh tal-haga suggetta ghall-uzufrutt ma jgib ebda tibdil fil-jedd ta' l-uzufruttwarju; u huwa jibqa' jgawdi l-uzufrutt, kemm-il darba ma jkunx irrinunzja ghalih'.*

Illi ghalhekk ma hemm l-ebda dubju u lanqas ebda impediment legali jew gudizzjarju sabiex isir jew jigi ordnat il-bejgh tal-istess dar li hemm fi Triq San Bartolomeo, Hal Qormi, ovvjament li l-istess bejgh isir bil-proprjeta`

suggetta ghall-imsemmi uzufrutt favur il-konvenuta Frangeska armla Borg, u ladarba l-istess immobbli ma hijiex komodament divizibbli fi tliett porzjonijiet, din il-Qorti ma ghandha l-ebda ghazla ohra hlief li tordna l-bejgh in subbasta tal-istess immobbli kif suggetta ghall-istess uzufrutt bir-rikavat mill-istess bejgh in subbasta jinqasam fi tlett porzjonijiet u b'dan li terz mir-rikavat jinghata lill-attur, terz iehor lill-konvenuta Frangeska Borg, u l-ahhar terz lill-kjamata fil-kawza Dolores Stellini, u din bhala l-persuna li akkwistat il-porzjoni ta' terz indiviz mill-istess immobbli li kien spettanti lill-konvenuta l-ohra Georgia Mercieca *in vista* tal-kuntratt pubbliku datat 17 ta' Ottubru 1991 fl-atti tan-Nutar Antoine Agius u fuq indikat.

## <u>VI. KONKLUZJONI</u>

Illi ghal dawn il-motivi, din il-Qorti **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti, li l-kjamata fil-kawza aderixxiet ruhha maghha b'verbal tat-22 ta' Mejju 2002, u tichad ukoll it-tieni eccezzjoni tal-konvenuti in kwantu l-fatt illi l-konvenuta tiddetjeni l-uniku fond immobbiljari li jikkostitwixxi l-unika assi fl-eredita` tal-konjugi Giovanni u Giuseppa Fenech, taht titolu ta' uzufrutt ma jostax li l-istess immobbli dejjem suggett ghall-istess uzufrutt favur il-konvenuta Frangeska Borg, jigi mibjugh in subbasta, ladarba l-istess fond ma huwiex komodament divizibbli, u **ghalhekk filwaqt li tichad ir-raba' (4) talba** *stante* li l-immobbli 111, Triq San Bartolomeo, Qormi ma hijiex komodament divizibbli, **tilqa' t-talbiet attrici l-ohra numri wiehed (1), tnejn (2), u tlieta (3)** biss fis-sens hawn deciz b'dan illi :-

1. Tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti tal-konjugi Giovanni u Giuseppa Fenech, li mietu rispettivament fil-15 ta' Dicembru 1974 u 23 ta' Dicembru 1955 b'dan illi tiddikjara li l-uniku assi tal-istess komunjoni tal-akkwisti huwa l-fond immobbiljari bin-numru 111 fi Triq San Bartolomeo, Hal Qormi li ghalhekk l-attur, il-konvenuta Frangeska Borg, u l-kjamat fil-kawza Maria Dolores Stellini llum jippossjedu indivizament bejniethom, kif

suggett ghall-uzufrutt tal-konvenuta Frangeska Borg, fi kwota ta' terz (1/3) kull wiehed.

2. Tiddikjara illi l-attur, il-konvenuta Frangeska Borg u l-kjamata fil-kawza Maria Dolores Stellini ghandhom sehem indaqs fil-fond immobbiljari hawn fuq indikat fi kwota ta' terz (1/3) kull wiehed u wahda minnhom, u dan peress li l-istess kjamata fil-kawza Maria Dolores Stellini kienet akkwistat is-sehem ta' terz inidviz (1/3) tal-istess fond urban Hal Qormi, Saint Bartolomeo Street numru mija u hdax (111) minghand il-werrieta l-konvenuta Georgina Mercieca b'kuntratt tas-17 ta' Ottubru, 1991 fl-atti tan-Nutar Antoine Agius.

3. Tiddikjara li peress li l-istess fond numru 111, Triq San Bartolomeo, Hal Qormi ma huwiex komodament divizibbli fi tliett porzjonijiet, tordna li fuq stima tal-perit arkitett Valerio Schembri, li qed jigi nominat minn din il-Qorti bhala espert tekniku sabiex ihejji l-istess stima, il-bejgh in subbasta tal-istess fond 111, Triq San Bartolomeo,Qormi, kif attwalment l-istess fond huwa suggett ghall-uzufrutt favur il-konvenuta Frangeska Borg skond it-testment ta' Giovanni Fenech datat 9 ta' Ottubru 1972 fl-atti tan-Nutar Joseph Agius, b'dan li fl-istess subbasta jigu ammessi oblaturi estranji, b'dan li r-rikavat tal-istess bejgh jinqasam fi tliett (3) porzjonijiet ugwali, u wahda tigi assenjata lill-attur, l-ohra lill-konvenuta Frangeska Borg, u l-ohra lill-kjamata fil-kawza Maria Dolores Stellini.

4. Tichad ir-raba' talba *stante* li ma hemmx bzonn tali nomina peress li l-fond ma huwiex komodament divizibbli, u ma hemmx il-bzonn tan-nomina ta' Nutar u kuraturi deputati.

Illi l-ispejjez tal-kawza, nkluz tal-konvenuta Georgia Mercieca, jigu sopportati ugwalment bejn l-istess attur, il-konvenuta Frangeska Borg, u l-kjamata fil-kawza Maria Dolores Stellini fi kwota ta' terz (1/3) kull wiehed u wahda hawn imsemmija fil-kap tal-ispejjez.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------